TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Alison Patiniott

Vs

Styles Apertures Ltd

CCT 154/20/MM

Illum, 10 ta' Jannar 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-23 ta' Ottubru 2020 fejn talbet, 'l-ammont lili bħala 'grant' mid-dipartiment Regulator for energy and water services ghall-installazzjoni ta' PVC fil-fond tieghi. Liema grant jiena ma inghatajtx lura ghaliex inti inqast milli tissottometti l-applikazzjoni meta jien ordnajt l-PVC kif int obbligat illi taghmel. Illi jiena dejjem tlabtek sabiex tissottometti l-applikazzjoni f'ismi, pero inti issottomettejt din l-applikazzjoni wara li xtrajt l-PVC u allura jiena ma kontx elegibli ghal dan il-'grant'. Illi r-rikorrentti llimitat it-talba taghha ghal Euro 1000.

Illi l-konvenut laqgha ghal din it-talba billi eccepixxa:

'1. Illi t-talba tar-rikorrenti hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi minkejja li s-socjeta' intimata applikat ghan-nom taghha ghall-ghotja in kwistjoni, ir-rikorrenti kienet ben konsapevoli illi sabiex hi tkun tista' tibbenifika minn din l-ghotja x-xoghol ma setax jigi stallat min-naha tas-socjeta' intimata sakemm ikun hemm konferma illi tali ghotja giet debitament accettata mill-REWS u minkejja illi dina t-twissija inghatat lilha f'dan ir-rigward mis-socjeta' intimata, r-rikorrenti xorta wahda insistiet sabiex jigu stallati l-aperturi qabel ma nghatat l-ircevuta tal-accettazzjoni ta' din l-ghotja mill-REWS u ghalhekk zgur illi s-socjeta' intimata ma tahti xejn ghal fatt illi tali ghotja baqghet ma nghatatx lilha mill-REWS.

2. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-ghotja hija wahda li tinghata mill-REWS u ma' hemmx ic-certezza li dina l-ghotja kienet se tinghata lil rikorrenti u ghalhekk s-socjeta' intimata m'ghandhiex tigi kkundannata thallas dan l-ammont;

3. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub m'huwiex dovut;

Salv linji difensjonali ohra hekk kif permessi mil-ligi.'

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti tgħid bil-ġurament tagħha illi hi ordnat minghand l-intimata aperturi tal-PVC *double glazed*. Hi kienet ħalliet f'idejn l-intimata sabiex tapplikala ghall-*grant* skont skema tal-Gvern iżda din kienet ġiet rifjutata skont Dok AP 7 minħabba li 'The Committee noted that the Regulator had rejected the application on the basis of the fact that the Grant Offer Letter had never been issued. The Committee therefore felt that regardless of the circumstances of the case, the Committee was not in a position to uphold a claim for the payment of a grant that was enver approved by REWS. The Committee therefore proceeded to reject your claim for payment of the grant.''
Illi r-rikorrenti ssostni illi min-naha tal-konvenuti hija qatt ma giet avzata li hemm cans li l-*grant* ma johrogx. Hi ssostni li wara li ma hargitx il-*grant* id-direttur tal-intimata kien skuza ruhu maghha ghaliex l-applikazzjoni kienet dahlet tard.
Min-naha l-ohra d-direttur tal-intimata, Jonathan Aquilina jishaq illi l-*grant* hija skema pubblika u kwalunkwe informazzjoni hija *availabe online* ghall-pubbliku in generali. Illi f'dan il-kaz ix-xoghol giet installat qabel ma kien hemm l-approvazzjoni tar-REWS strettament fuq ordni tar-rikorrenti.

Ikkunsidra
Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma' liz-zewg partijiet u filwaqt li jinnota li r-rikorrenti ghamlet accen ghall-fatt li bla pregudizzju Jonathan Aquilina kien offriela li jirrifondiha Euro 500, dan qatt ma gie sostanzjat bi provi ulterjuri u ghalhekk dan it-Tribunal ser jistrieh fuq il-provi li jinsabu fil-process. Tajjeb li wiehed jinnota wkoll li minkejja li r-rikorrenti kellha kull opportunita' sabiex iggib quddiem dan it-Tribunal il-prova regina u cioe rapprezentant tar-REWS sabiex effettivament tipprova li fl-ewwel lok verament kienet tezisti din l-iskema tal-*grant* u effettivament jekk hi kienetx tikkwalikfika ghalih, din baqghet qatt ma ngiebet. Wiehed ma jistax jinjora l-fatt li dan il-*grant* kien skema indipendenti mill-volizzjoni tal-intimata u ghalhekk il-kontroll ma kienx dipendenti mill-intimata.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru

**47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070**